VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,998, 29 ta' Mejju, 2018*
*Taqsima B*

**A.L. 174 tal-2018**

# ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

# ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

## Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 65.11

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jigi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "bankina sporġuta 'l barra" għandhom jiżdiedu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "*Blue Badge*" tfisser karta ta' parkeġġ għal persuni b'diżabilità maħruġa skont l-Att biex jipprovdi dwar Konċessjonijiet ta' Parkeġġjar għal Persuni b'Diżabilità; Kap. 560.

"detentur ta' *Blue Badge*" tfisser persuna b'diżabilità li għandha *Blue Badge* maħruġa lilha skont l-Att biex jipprovdi dwar Konċessjonijiet ta' Parkeġġjar għal Persuni b'Diżabilità;" u Kap. 560.

(b) minnufih wara t-tifsira "*motor tractor*" għandhom jiżdiedu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "post ta' parkeġġ għal persuni b'diżabilità" tfisser post ta' parkeġġ riżervat mill-Awtorità għall-persuni b'diżabilità skont dawn ir-regolamenti;

"post ta' parkeġġ personalizzat għal persuni b'diżabilità'' tfisser post ta' parkeġġ riżervat mill-Awtorità

VERŻJONI ELETTRONIKA



u li fih ikun hemm immarkat jew indikat b'mod ċar u prominenti n-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura jew in-numru tal-*Blue Badge* tal-persuna b'diżabilità, skont ma jkun il-każ, li tkun hi biss awtorizzata li tagħmel użu minn tali post ta' parkeġġ personalizzat skont dawn ir-regolamenti;".

Jissostitwixxi r-regolament 78 tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Ir-regolament 78 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Postijiet ta' parkeġġ riżervati.

78. (1) Meta xi area jew spazju f'xi triq jew pjazza jkun immarkat, jew mogħti bħala, ipparkjar riżervat, u l-Kummissarju tal-Pulizija jew l-Awtorità joħorġu permess bil-miktub favur is-sidien tal-vetturi li jistgħu jagħmlu użu minn dik l-area jew dak l-ispazju, ebda vettura bil-mutur ma tista' tiġi parkeġġjata hemmhekk kemm-il darba l-permess relattiv ma jkunx imwaħħal fuq in-naħa tax-xellug tal-*windscreen* tal-vettura relattiva.

(2) L-Awtorità tista' tirriżerva post ta' parkeġġ għal persuni b'diżabilità biex jiġu parkeġġjati ġo fih vetturi bil-mutur awtorizzati skont id-dispożizzjonijiet tal-Att biex jipprovdi dwar Konċessjonijiet ta' Parkeġġjar għal Persuni b'Diżabilità.

Kap. 560.

(3) L-Awtorità tista' tirriżerva post ta' parkeġġ personalizzat għal persuni b'diżabilità biex tiġi parkeġġjata ġo fih vettura bil-mutur partikolari reġistrata f'isem detentur ta' *Blue Badge* meta s-sewwieq ta' tali vettura bil-mutur, minbarra li jkun detentur ta' *Blue Badge*, abitwalment jagħmel użu minn siġġu bir-roti:

Iżda dik il-vettura bil-mutur partikolari għandha tkun waħda li ġiet modifikata apposta biex tinstaq biss mid-detentur tal-*Blue Badge* li abitwalment jagħmel użu minn siġġu bir-roti.

(4) L-Awtorità tista' wkoll tirriżerva post ta' parkeġġ personalizzat għal persuni b'diżabilità biex tiġi parkeġġjata ġewwa fih vettura bil-mutur partikolari reġistrata f'isem detentur ta' *Blue Badge* jew f'isem persuna fdata bil-kura tiegħu, sakemm dak id-detentur tal-*Blue Badge* ikollu ċertifikat mediku maħruġ f'ismu li juri li jkun ibati minn kondizzjoni severa ta' komportament inkontrollabbli, li tista' tkun ta' periklu għalih innifsu jew għal ħaddieħor u għalhekk ikun jeħtieġ superviżjoni kontinwa.

VERŻJONI ELETTRONIKA



(5) Meta l-Awtorità tirriżerva post ta' parkeġġ personalizzat għal persuni b'diżabilità fiċ-ċirkostanzi previsti fis-subregolament (3), il-post tal-parkeġġ għandu jkollu mmarkat jew indikat fih b'mod ċar u prominenti n-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura bil-mutur awtorizzata; filwaqt li meta l-Awtorità tirriżerva post ta' parkeġġ personalizzat għal persuni b'diżabilità fiċ-ċirkostanzi previsti fis-subregolament (4), il-post tal-parkeġġ għandu jkollu immarkat jew indikat fih b'mod ċar u prominenti n-numru tal-*Blue Badge* tal-persuna b'diżabilità li għall-benefiċċju tagħha jkun ġie riżervat tali post ta' parkeġġ personalizzat.

(6) L-ebda persuna m'għandha tipparkeġġja jew tħalli waħedha vettura bil-mutur mhux awtorizzata ġo post ta' parkeġġ għal persuni b'diżabilità riżervat mill-Awtorità skont id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (2).

(7) L-ebda persuna, inkluż detentur ta' *Blue Badge*, m'għandha tipparkeġġja jew tħalli waħedha vettura bil-mutur ġo post ta' parkeġġ personalizzat għal persuni b'diżabilità riżervat mill-Awtorità skont id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (3) jew (4), ħlief id-detentur tal-*Blue Badge* jew il-persuna li għall-benefiċċju tagħha l-Awtorità tkun irriżervat il-post ta' parkeġġ personalizzat.

(8) Kull persuna awtorizzata li tipparkeġġja vettura bil-mutur ġo post ta' parkeġġ għal persuni b'diżabilità hija obbligata li turi b'mod prominenti l-*Blue Badge* jew, fil-każ ta' post ta' parkeġġ personalizzat għal persuni b'diżabilità il-*Blue Badge* tal-persuna li għall-benefiċċju tagħha l-Awtorità tkun irriżervat dak il-post ta' parkeġġ personalizzat, fuq in-naħa tax-xellug tal-*windscreen* fil-parti ta' quddiem tal-vettura b'mod illi s-simbolu tal-aċċess tal-*Blue Badge* ikun jidher ċar.

(9) Persuna li tikser is-subregolament (6) jew (7) jew (8) tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, ammenda ta' €100.".